MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru. 372/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Casar)**

**vs**

**Matthew Schembri ta' 19 il-sena, iben Saviour u Emmanuela xebba Mifsud, imwieled il-Pieta fis-7 ta' Settembru 1989, detentura ta' karta tal-identita Maltija bin-numru 402089M u residenti fil-fond numru 19, Triq Sant' Anglu Zejtun.**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Matthew Schembri li jinsab akkuzat talli:

1. f'xi jum fix-xahar ta' Jannar 2009 u/jew Frar 2009 f'Paceville limiti ta' San Giljan, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni

wahda, ikkommetta serq ta' mobile phones ghad-dannu ta' Kersty Bugeja, Annabelle Debono u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-€2329.37 u bil-hin;

2. u aktar talli fl-istess zmien, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun dahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibeighhom jew imexxiehom, liema oggetti kienu gejjin min serq aggravat li ma jeccedix l-€2329.37 u bil-hin;

3. u aktar talli kiser kundizzjonijiet imposti fuqu b'zewg sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta lioma sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur jirtira t-tielet akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat;

Semghet ukoll lill-imputat jammetti l-kumplament tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi l-Prosekuzzjoni irtirat it-tielet akkuza u ddikjarat illi t-tieni akkuza nghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha lill-imputat u l-fatt illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajununa biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c),(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet akkuza, ssibu hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjoni li jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikser xi kundizzjoni imposta fuqu fl-Ordni tal-Probation jew jekk jikser xi ordni mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna r-rilaxx tat-tlett (3) mobile phones u camera tar-ritratti esebiti minn Dok E sa Dok H a favur il-parte leza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------